MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2002

Numru 756/1998

**Pulizija**
**Spettur Mario Bonello**

**Vs**

**Paul Johnson**
**George Borg**

**Illum 7 ta' Ottubru 2002.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Paul Johnson ta' 27 sena bin Cyril u Giovanna nee' Camilleri mwieled Pieta' fl-10 ta' Frar 1975 u joqghod Nid D'amour, Triq ir-Raghaj, Qormi, li ghandu karta tal-identita' numru 104375(M);

U kontra George Borg ta' 58 sena bin Carmelo u Consiglia nee' Zammit imwieled San Giljan fit-22 ta' Awissu 1944 u joqghod Graceland, Triq il-Wied, L-Iklin li ghandu karta tal-identita' numru 717544 (M);

Talli fit-18 ta' Frar 1997 ghall-habta tat-8.30 am, fil-Fgura fil-post fejn qabel kien il-Viceroy Cinema;

B'Nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkagunaw il-mewt ta' Paul Bonello minn Haz-Zabbar;

B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkagunaw offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Vincent Buhagiar minn Haz-Zabbar.

Wara li rat l-artikolu 225, 226, 328 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65;

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Wara li semghet lill-partijiet u ezaminat in-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom. Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkonsidrat:

Illi qabel ma’ dina l-Qorti tghaddi sabiex tesprimin gudizzju fuq dan il-kawza, hi trid ticcara, illi hija kif illum preseduta, ma’ semghetx ix-xhieda prodotta, sia ta’ wahda u sia ta’ l-ohra, viva voce, u ghalhekk, nonostante dak li qallu dawn ix-xhieda jinstab inskritt, xi minn daqqiet mhuwiex bizzejjed b’mod ciar dak li huwa miktub. Kif ukoll l-atteggjament tax-xhieda u ta’ l-imputati, kif igibu ruhhom il-Qorti, gie mitluf, atteggjament li sikwiet ikollu rwol importanti fl-interpretazzjoni ta’ dik ix-xhieda li tkun qed tigi mghotija. Ergo, id-decizzjoni, li qed tilhaq illum dina l-Qorti, hija maghmula biss fuq ix-xhieda fejn traskritta u xejn traskritta ciara, tax-xhieda prodotti. Specjalment jekk wiehed ghandu jara l-Ingliz tax-xhud Edwards, u kif inhu traskritt!

Illi ma ghandu jkun hemm ebda dubbju ta’ kif l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali interpretat il-ligi vigenti u cioe’:

“Illi huwa principju elementari tad-dritt penali taghna li bhala <u>regola</u> xhud ghandu jixhed biss fuq il-fatti minnhu konstatati b’wiehed mis-sensi tieghu minghajr ma jaghti opinjoni, cioe’ minghajr ma jigbed riferenza jew riferenzi minn dawk il-fatti. Fis-sistema penali taghna dak li jikkaratterizza u jiddistingwi xhud espert – cioe’ li jkun gie nominat mill-Qorti u li jista’ jigi biss innominat mill-Qorti – minn xhud li majkunx gie nominat espert hu li dak ta’ l-ewwel jista’ jesprimi l-opinjoni tieghu, konkluzzjoni jew fehma (Art. 656 Kap 9)……… mentri x-xhud li ma jkunx hekk gie nominat irid, <u>bhala regola</u> jillimita ruhu ghal dawk l-affarijiet li jkunu gew a konjizzjoni tieghu permezz ta’’wiehed mill-hames sensi. Il-Qorti tal-Gustizzja

Kriminali hija obbligata li ma thali u ma tippermetti li thalli lil hadd li jirraggira jew jipprova jirragiera r-regola li l-opinjonijiet u l-inferenzi jistghu jigu espressi u migbuda biss minn esperti nominati mill-istess Qrati u mhux ukoll minn xhieda prodotti mill-partijiet (Repubblika vs Mario Pollacco)

Izda eccezzjoni ghal din ir-regola tezisti kif indikat mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, il-ghaliex ir-regola hija biss bhala regola.  Fil-fatt b'referenza ghal-Repubblika vs Carmel Spiteri, Qorti tal-Appell Kriminali tal-31.8.98, Il-Puliziija vs Nazzareno Zarb u Melchiore Spiteri, Appell Kriminali 16.12.98, huma eccezzjonijiet ghal din ir-regola, fejn

dawn l-eccezzjonijiet gew stabbiliti minn gurisprudenza.  Izda, minhabbar-ragunijiet esposti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, din il-Qorti, ghall-finijiet ta' gudizzju sejra tiskarta "l-opinjoni tax-xhud Walter Gordon Edwards, meta hija tasal ghall-konkluzzjonijiet taghha.  Il-ghaliex:

Illi fit-18 ta' Frar 1987, kien qed isir xoghol ta' kostruzzjoni fil-fond fejn kien jinsab l-ex cinema Viceroy.  Kien sar xoghol ta' skavar ta' cirka hames sulari l-isfel u fi Triq Zabbar, Fgura, kien hemm crane li kienet
Qed tigi uzat ghal skopijiet ta' kostruzzjoni.  Gara li dak in-nhar filghodu Paul Bonello u Vincent Buhagiar kienu tqabbdu mill-imputat George Borg biex jaghmlu xoghol ta' tikhil mal-hajt divizjoni

Meta Bonello u Buhagiar waslu fuq il-post u stennewh sakemm l-imputat Paul Johnson gibed il gewwa zewg haddiema b'jack hammer li kienu qed jahdmu minn fuq il-gagga li kienet imwahhla ma' tarf il-jib tal-crane.  Huma telghu go din il-gagga u l-imputat Paul Johnson nizzilhom l-isfel biex jibdew jahdmu.  Wara xi hin Vincent Buhagiar

ghamel sinjal biex Paul Johnson jibda jtellahhom il fuq izda f'daqqa wahda l-crane gheleb b'konsegwenza li l-gagga niezel l-isfel u waqghet mal-art.  L-imputat Paul Johnson pprova jserrah il-jib mal-hajt li kien hemm biswit il-crane izda dan ceda wkoll u l-crane baqa' jeghleb. F'dan l-incident Paul Johnson kiser saqajh meta qabez mill-kabina tal-crane.

Konsegwenza ta' dan l-incident Paul Bonello miet u Vincent Buhagiar garrab feriti ta' natura gravi, skond ma cceritifikaw it-tobba u ghandu disabilita' permanenti.

Mill-provi prodotti jirrizulta li dan il-crane kien ilu fuq l-istess land tax-xoghol ghal tlett gimghat qabel ma gara l-incident.  Il-crane kien armah l-imputat Paul Johnson Skond ma xhed Johnson is-saqajn tan-naha ta' gewwa kienu mahrugin hames pien il-barra, filwaqt dawk tan-naha tat-triq kienu biss zewg piedi miftuhin.  Fuq in-naha ta' gewwa s-saqajn kienu jserrhu fuq travi ta' l-injam u pjanca tal-hadid.

Illi s-soluzzjoni ta' dan il-kaz tista' tinsab biss fit-teknika ta' kif gie operat il-crane mill-imputat Paul Johnson.  Mir-relazzjoni teknika li tinsab fil-process verbal ezebit fl-atti ta' din il-kawza jirrizulta car li l-crane in kwistjoni kellhu certi deficenzi u li thaddem b'mod li kien qed imur oltre l-margini ta' sigurta' ta' dan il-crane.  In oltre, ma kienx ankrat sew mal-art u kien qed jithaddem f'post fejn kien hemm arterja principali  L-espert tekniku kien tassattiv u lapidarju li r-responsabbilita' ta' dak li gara kien kollhu tort ta' l-imputati.  Din ir-relazzjoni teknika qed tifforma parti ntegrali ta' din is-sentenza.

Izda din ir-relazzjoni teknika giet attakkata bis-shieh mill-imputati Borg u Johnson u ikkritikawha f'dan is-sens:

1. Illi l-crane kien armat b'mod regolari u skond is-sengha, u kien ilu hekk armat fuq il-lant tax-xoghol, almenu tlett (3) gimghat qabel ma gara l-incident.

2. Illi s-saqajn tal-crane kienu mahruga. Mahruga hames piedi fuq in-naha tal-lant tax-xoghol u zewg piedi fuq in-naha tat-triq sabiex ma jkunux ta' ingombru ghat-traffiku fil-main road. Izda l-imputati huma tal-fehma illi dawn kienu bizzejjed estizi sabiex jifilhu l-load li dak il-hin kienu qeghdin jerfghu u cioe' il-load ta' zewg persuni u gagga. Skond il-perit tekniku W. Cassar Torreggiani, dawn ma kienux miftuhin u ma kienux iserrhu ma' l-art.

Illi l-Qorti wkoll ghamlet il-konsstatazzjonijiet taghha u cioe':

1. Illi hawn si tratta ta' 15 ton capacity crane mounted fuq long-truck-self propelled. F'radius ta' 23 pied dana l-crane gie "safely tested" b'load ta' 1.2 tons. Dana fit-2 ta' Mejju 1996 (Ara dokument 5 a fol 229 tal-process). Skond il-perit tekniku dana l-boom kien estiz 45 pied u, ghalhekk, l-angolu tieghu kien wiehed prekarju. Izda, d-dokumenti ezebiti mill-imputati f'dina l-kawza juru illi l-boom tal-crane huwa 80 pied gholi waqt illi l-jib jestendi ghal 26 pied, distanza komda.

Ghalhekk, jekk ghall-grazzja tal-argument, huwa minnhu illi l-crane kien esitz 45 pied, mill-mizuri ndikati fid-Dok 5, jidher illi l-crane kien qieghed jinhadem regolarment.

2. Illi l-perit tekniku xhed u kkonstata illi t-triq setghet sfrondat. Izda z-zewg imputati jixdhu illi huma kienu taw lix-xifer tat-triq il-konkoss u meta dan nixef poggew l-injam u l-hadid that is-saqajn tal-crane u cioe' hadu dawk il-

prekawzzjonijiet necessarji u rikjesti qabel ma gie armat il-crane ghax-xoghol.

3. Illi l-perit tekniku jiddeskrivi l-crane bhala wiehed li ghandhu bzonn ta’ inspection ghax kien mimli zjud li beda johrog mill-makkinarju. L-ahhar li jidher li kien gie spezzjonat dan il-crane kien mill-Engineer J. Agius (Eng. M.I.E.E.) fit-2 ta’ Mejju 1996. Wiehed ghandu jfakkar illi l-incident sehh fit-18 ta’ Frar 1997, disa’ xhur u nofs qabel.

Minhabba dawn ir-ragunijiet u minhabba l-fatt illi l-materja hija wahda teknika u dawn id-diskrepanzi jallarmaw lil dina l-Qorti fis-sens illi jistghu jezistu diskrepanzi ohra ta’ natura teknika illi jistghu jaghtu ragun lit-tezi tad-difiza, dina l-Qorti ma tarax alternattiva ohra hlief illi tillibera lill-imputati mill-akkuzi lilhom addebitati. Id-dubbju ragonevoli ghandhu jimmilita’ favur l-imputat.

Sabiex dina l-Qorti ticcara l-posizzjoni taghha fil-konfront ta’ l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, waqt illi huwa verament principju stabbilit a tenur ta’ l-Artikolu 656 tal-Kapitolu 9, illi x-xhieda ta’ espert “ex parte” mhihiex ammissibbli bhala regola, huwa fatt accettat (kif accettatu l-istess Qorti tal-Appell Kriminali) illi dina x-xhieda u cioe’ esperta ex parte, tista’ tigi accettata in eccezzjoni. Fil-fatt dina l-istess Qorti tal-Appell hija nnifisha kkwotat ezempji ta’ kawzi fejn dina l-eccezzjoni giet accettata mill-gurisprudenza taghna, u cioe’ Repubblika vs Carmela Spiteri u Pulizija vs Nazzareno Zarb u Melchior Spiteri.

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali addebitat dawn l-eccezzjonijiet ghall-gurisprudenza u ghalhekk dawn il-kawza sumenzjonati ma humiex

l-unici eccezzjonijiet li jistghu jezistu. Qorti tista tohloq eccezzjoni gdida u, ezattament hekk ghamlet il-Qorti ta’ l-ewwel istanza meta striehet fuq ix-xhieda ta’ Walter

Gordon Edwards f'materja pjuttost ta' ingenerija teknika milli Legali.

Illi, wkoll wara li qrat ix-xhieda ta' Walter Gordon Edwards u wara li rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati, dina l-Qorti hija tat-twemmin illi parti mix-xhieda moghtija minn Edwards kienet xhieda oggettiva, fuq il-fatti wara li ezaminhom u acceda fuq il-post fattwali u mhux opinjoni akademika. Hija xhieda ta' bniedem li jifhem, tekniku li zar il-post u studja d-dinamika ta' l-incident u xhed b'mod fattwali. Naturalment

hafna mix-xhieda tieghu kienet opinjoni u ghalhekk dina l-Qorti qed taghmilha ciara, illi ddecidiet dina l-kawza billi skartat ghal kollox din ix-xhieda, u dana sabiex issir il-gustizzja li tant damet biex issir.

Izda dina l-Qorti almenu tinsab immensament konfortata mix-xhieda ta' Edwards, almenu sa fejn ghandu x'jaqsam l-kuxjenza taghha.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, qeghda tillibera lill-imputati mill-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------